**Mara ħelwa**

Sejħuli fis-sala
Biex bla telf niġi ħdejk,
Weġibt l-istedina
Dlonk riġlejja meddejt.

U dħalt ħdejk fil-kamra
Fil-Jum Qaddis tal-Ħadd,
U rajtek mixħuta
Fis-skiet jien dlonk inġbart.

U bintek għaddietli
Dak is-siġġu tagħha,
F'qalbi nibtet ħlewwa
Għall-ġest mimli mħabba.

Hekk kif qgħadt bilqiegħdha
Newwilti dik idek,
Ħadtha f'tiegħi b'qima
Ħassejt 'l Alla Sidek;

Ikellimni, jurini,
X'inhi l-vera ħajja,
Hi l-għotja ferħana
Li ssieħeb kull ġrajja.

O omm wisq għażiża
Jitlagħli dak leħnek,
Hekk sbejjaħ u safi
Lilek kburi jċeknek.

Dak leħnek hekk smewwi
Li nifed lil qalbi,
U miegħek b'qawwieti
Tela' 'il fuq talbi.

Kemm fraħt li beriktni
u nqaxxatli s-salib,
fuq ġbini, f'idejja
ħarsien f'waqt it-taqlib.

Wara lkoll sejjaħna
Lill-Kewkba tal-Baħar,
L-Omm tagħna Marija
Ħelsien minn kull jasar.

Għaddieli l-ħin tiegħi
Ħriġt f'paċi fis-sewwa,

Għal dejjem niftakrek
Mara l-iżjed ħelwa.

Patri Mario Attard OFM Cap
13 ta' Ġunju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.